MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 52/2004

Michael Mizzi .

vs

L-Awtorita' tat-Turizmu,
u b'degriet tat-12 ta' Ottubru 2004,
l-isem tal-konvenut jiġi sostitwit bil-kliem
"Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta" .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi permezz ta' Avviż ta' Infurzar datat 8 ta' Awissu 2002 l-Awtorita' konvenuta intimat lill-esponenti sabiex jieqaf milli 'carrying on a tourism operation consisting of sale or hiring of diving equipment, use of air compressors, acting as a diving centre/college, and advertising or promoting

the above activities without obtaining and being in possession of the necessary license' .

Illi sussegwentement għal dak l-avviż ta' infurzar ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-attur konsistenti f'taħrika bil-pulizija bl-ewwel dehra fil-11 ta' Diċembru 2002, sentenza tas-26 ta' Frar 2003 b'liema l-attur ġie lliberat u li minnha kien hemm appell mill-Avukat Generali .
Illi l-avviż ta' infurzar fuq imsemmi u l-proċeduri sussegwenti huma abbusivi, ultra vires u b'mod ieħor illegali fil-konfront tal-attur u għalhekk għandhom jiġu annullati .

Talab lill-Awtorita' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. l-għemil amministrattiv fuq imsemmi huwa ultra vires għaliex l-Awtorita' konvenuta naqset li tosserva l-principji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dan l-għemil .

2. L-għemil amministrattiv fuq imsemmi huwa ultra vires għaliex jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-Awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa, u, jew imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti .

3. L-għemil amministrattiv fuq imsemmi huwa ultra vires billi l-għemil amministrattiv fuq imsemmi huwa b'mod ieħor kontra l-liġi .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-11 ta' Diċembru 2003 kollha kontra l-Awtorita' konvenuta li tibqa' minn issa imħarrka għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament maħlufa minnu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-Awtorita' konvenuta li eċċepiet illi :

1. Preliminarjament, l-Awtorita' eċċipjenti ġiet ċitata f'dan il-ġudizzju b'isem żbaljat, għaliex l-isem korrett tagħha skond il-Liġi li ħoloqha (Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa "L-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta" . L-Awtorita' eċċipjenti minnufih tiddikjara illi ma topponix korrezzjoni tal-isem fl-okkju tal-kawża li talvolta tintalab mill-attur a tenur tal-Art. 175 tal-Kap. 12, mingħajr il-ħtieġa ta' notifika mill-ġdid .
2. Ukoll preliminarjament, l-azzjoni proposta hija perenta a tenur tad-dispost tal-art. 469 A (3) tal-Kap. 12 .

3. Fil-mertu, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda billi :

- L-Art. 41 (1) tal-Kap. 409 jagħti lill-eċċipjenti l-poter li toħroġ dak l-Avviż ta' Infurzar, li għandu jiġi notifikat lill-persuna milquta bih kif fil-fatt ġie notifikat l-attur fid-9 ta' Awissu, 2002 ;

- L-eċċipjent kellu ħmistax-il ġurnata biex jappella lill-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu a tenur tal-Art. 41 (4) tal-istess Kap. 409, iżda naqas milli jappella .

- Billi l-attur naqas milli jappella lill-Bord, u kompla bl-attivita' minkejja li l-ordni kien illi *jieqaf minnufih (*ara Art. 41(1), tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) a tenur tal-Art. 43. (1) (c) tal-Kap. 409 . Il-kawża ġiet deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru, 2003 (Dok. A), li sabet lill-attur ħati u mmultatu pezantement .

4. Konsegwentement, l-Avviż ta' Infurzar u l-proċeduri li segwew la kienu *abusivi* u wisq anqas *ultra vires .* L-abbuż huwa wieħed immaginat, għaliex bħala fatt l-attur ġie kkundannat mill-Qorti tal-Appell Kriminal . Il-*vires* tal-eċċipjent tagħtihulu l-liġi espress (Kap. 409), kif jiġi ampjament muri fit-trattazzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess awtorita' konvenuta maħlufa minn Jonathan Cuschieri .

Rat il-verbal tagħha tal-22 ta' Frar 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' konvenuta .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .
Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni qed jiġi invokat is-subinċiż tlieta (3) ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12 li jistipula illi :

"**Kawza biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv**."

Illi m'hemmx dubbju illi l-kawża odjerna hija waħda li tattakka għemil amministrattiv taħt l-artikolu 469A tal-kap. 12, u dan jammettieh l-istess attur fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu . Huwa jissottometti fl-istess nota illi fil-każ tiegħu dan il-perijodu li fih kellu jintavola l-kawża tiegħu, kellu jibqa' sospiż pendenti l-eżitu tal-proċeduri kriminali li ġew istitwiti fil-konfront tiegħu, in segwitu għall-Avviż ta' Infurzar, mertu tal-kawża preżenti, illi l-Awtorita' konvenuta kienet ħarġet kontra tiegħu .

Il-Qrati tagħna ġia kellhom diversi okkażżjonijiet jiddikjaraw ruħhom dwar meta kellu jibda jgħodd it-terminu għall-preżentata ta' kawża simili . Hekk insibu jingħad b'mod mill-aktar inekwivoku illi :

"*Skond l-artikolu 469A tal-kap.12, kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu, ċioe' meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni msemmija fis-subartikolu (i sa iv) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil … Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jikkontendi li l-perijodu ta' dekadenza għandu jibda' jiddekorri mis-16 ta'*

*April 1998 u ċioe' mid-data tal-ittra mibgħuta lill-konsulent legali tiegħu mill-konvenut fejn huwa ġie għall-ewwel darba nfurmat uffiċċjalment u bil-miktub dwar l-ordni jew direttiva li qed jilmenta minnha … Fi kwalunkwe każ, il-Qorti jidhrilha li l-artikolu 469A (3) huwa ċar meta jgħid li l-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mid-data meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf bl-ordni amministrattiva li jkun qed jilmenta minnha . Dan l-artikolu ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur għandu jsir jaf . Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tiġi milquta b'ordni amministrattiva tiġi nfurmata b'mod uffiċċjali u bil-miktub, ċertament li dan kien jiġi ndikat fl-Artikolu in eżami . Il-liġi ssemmi biss li dan il-perijodu ta' dekadenza jibda jgħodd minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf u xejn aktar."* [1]

Hekk ukoll ingħad illi : "*Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jseħħ fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni*." [2]

Kif ġia ngħad l-għemil amministrattiv li qed jilmenta minnu l-attur huwa l-Avviż ta' Infurzar li ħarġet l-Awtorita' konvenuta kontra tiegħu fit-8 ta' Awissu 2002 . Dan ġie notifikat lilu, l-għada stess 9 ta' Awissu 2002, u dan kif jirriżulta mill-atti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża msemmija mill-attur[3] . Dan ifisser skond din il-ġurisprudenza illi huwa kellu sat-8 ta' Frar 2003 biex jistitwixxi din il-kawża, mentri l-kawża preżenti ġiet intavolata biss fis-26 ta' April 2004, aktar minn sena u xahrejn wara li kien laħaq skada dan it-terminu . Skond il-ġurisprudenza hawn ċitata, l-ebda proċeduri oħra ma setgħu jissospendu t-terminu perentorju ta' dekadenza stabilit mil-liġi fl-artikolu 469A(3) .

---

Prim'Awla : Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et. : 27.6.2003; ara wkoll "Dentist Gerard Zammit vs Awtorita' tal-Ippjanar (P.A. 2.2.2000); Appell : Roberto Zamboni noe. vs Direttur tal-Kuntratti et. : 31.5.2002 .

Prim'Awla : Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv - Ufficcju tal-Prim'Ministru : 27.9.2002

ara kopja tas-sentenza relattiva fil-kawża : "Pulizija vs Michael Mizzi": 12.9.2003 a fol. 13 tal-process .

Anke kieku għall-grazzja ta' l-argument biss, kellha tiġi aċċettata t-teżi ta' l-attur illi dan it-terminu kellu jibda jiddekorri  mid-data li fiha nqatgħet definittivament il-kawża kriminali li kellu kontrih, xorta waħda jiġi illi din il-kawża saret *fuori termine*, u dan għaliex mid-data ta' dik is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali sakemm ġiet intavolata l-kawża preżenti, u ċioe' mit-12 ta' Settembru 2003 sas-26 ta' April 2004, laħqu għaddew ukoll aktar minn sitt xhur .
Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' konvenuta u tiddikjara l-azzjoni proposta mill-attur permezz tal-kawża preżenti perenti a tenur ta' l-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 .

Bl-ispejjeż kontra l-attur .

Maġistrat .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------